MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Numru. 8/2000

PULIZIJA
SUPRETENDENT ALEXANDRA MAMO

VS

MARIO VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Vella, ta’ 37 sena, bin Tarcisio u Carmela nee’ Muscat, imwieled B’Kara fis-6 ta’ Gunju tal-1962 u residenti No. 13, Triq il-Muza, Siggiewi u detentur tal-Karta tal-Identità bin-numru 375062(M);

U akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda:

B’mezz kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra, sabiex iggieghel jitwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamel qligh b’qerq li jammonta ghal LM40,000 ghad-dannu tas-Socjetà Float Glass Company Ltd., Joseph Zammit.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali a fol 100, taht liema Artikli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Mejju 2011, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur, l-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo (llum Supretendent), xhedet a fol 10 et seq., jirrizulta li kienet irceviet rapport minn Dr Angelo Farrugia li allega li Joseph Zammit (Managing Director ta’ Float Glass Company Limited) kien gie defrodat mill-imputat Mario Vella (Direttur *Malovren* Company Limited). L-Ispettur Alexandra Mamo xhedet li permezz ta’ skrittura tal-14 ta’ Gunju 1997, l-imputat Vella ssulloka spizerija cioe’ l-Economical Pharmacy ta’ 117 Triq San Bastjan Hal Qormi, minghajr ma informa lil kwerelant bi skrittura precedenti bejn l-imputat Vella u mal-ewwel inkwilin (Mario Debono), li fiha l-istess Debono seta’ jittermina il-lokazzjoni tal-ispizerija indikata b’semplici pre-avviz ta’ sitt xhur. Di piu l-imputat kien ukoll dahal fi skrittura privata ohra li biha issulloka lit-terzi. Is-Supretendent Mamo xhedet illi l-ftehim bejn l-imputat u l-kwerelant Zammit fuq din l-ispizerija kienet ghal prezz ta’mitt elf Lira Maltin

(LM100,000) li minnhom il-kwerelant kien ga hallas lill-imputat is-somma ta' erbghin elf Lira Maltin (LM40,000). Is-Supretendent Mamo xhedet illi l-kwerelant Zammit sar jaf b'dana kollu f'Ottubru 1998 meta **ntebah illi kien qed jintalab l-izgumbrament tal-inkwilin originali (Mario Debono) mill-imsemmija spizerija minn sidha Inez Brincat**. Is-Supretendent Mamo xhedet illi l-kwerelant kien ircieva ittra datata l-20 ta' Ottubru 1998 minn Mario Debono li infurmah illi huwa kien qed jitlob minn ghand l-imputat ixxoljiment ta' allokazzjoni. Is-Supretendent Mamo xhedet illi hija kienet kellmet lill-kwerelant, li kien qalilha li certament ma kienx ser jitghabba b'piz ta' spizerija li kieku kien jaf bil-klawsola tad-dritt ta' xoljiment bi pre-avviz ta' sitt xhur. Is-Supretendent Mamo xhedet illi kienet gibdet l-attenzjoni tal-kwerelant ghal klawsola specifika fil-kuntratt tas-sullokazzjoni fejn gie premess li Joseph Zammit kien jaf bil-kondizzjonijiet kollha patwiti fl-iskritturi precedenti u li kien qieghed jaghti l-kunsens tieghu ghalihom. Il-kwerelant pero, baqa' jsostni li ma kienx jaf b'din il-kondizzjoni (ara fol 15). Is-Supretendent Mamo xhedet illi hija kienet interrogat lill-imputat u ghazel li jirrispondi ghal certu domandi (ara AFM1 a fol 20 et seq.) Huwa stqarr illi l-iskrittura tal-14 ta' Gunju 1997 giet murija lill-kwerelant u lill-avukat tieghu. A fol 21 l-imputat jispjega illi huwa ma hassux marbut mal-klawsola numru 2 tal-kuntratt tat-30 ta' Gunju 1995 il ghaliex qatt ma kien ffirma ma' genb din il-klawsola. L-imputat Mario Vella fl-istqarrija tieghu ddikjara li l-kwerelant fl-iskrittura tal-14 ta' Gunju 1997, kien iffirma li kien jaf bil-kondizzjonijiet kollha tal-iskritturi tat-30 ta' Gunju 1995, u tas-27 ta' Awwissu 1996. L-imputat ipprotesta illi l-kwerelant kien qieghed jintavola rapport falz kontra tieghu stanti li l-kuntratt inkwistjoni kien gie moghti lill-avukat u lin-Nutar tal-kwerelant. Supretendent Mamo ezebit DOK. AFM 2 skrittura tal-30 ta' Gunju tal-1995 (a fol24), DOK AFM 3 skrittura bejn l-imputat u Ruben Charles Vella bhala Diretturi tas-Socjeta *Malovren* u l-kwerelant (a fol26), u rezoluzzjoni tas-Socjeta Malovren tas-26 ta' Awwissu 1996 (a fol 30) u l-iskrittura AFM 4 tas-27 ta' Awwissu 1996 ( a fol 31).

Lilian Bezzina (a fol 32) rapprezentant tal-*Malta Finance Service Center* ezebit il-*Memorandom* and *Articles of*

*Association* tas-Socjetajiet, *Malovren* DOK. b 1( a fol 33 et seq.), u Float Glass limited dok. b 2 ( a fol 46 et seq.).

Il-kwerelant Joseph Zammit a fol 84 et seq. ikkonferma illi kien direttur tas-socjeta' Float Glass Limited. Huwa xhed li kien jaf li l-imputat kellu spizerija u cioe l-Economical Pharmacy Triq San Bastjan Hal Qormi, li kienet maghluqa ghal xi zmien, u sar jaf illi ried ibieghha. Hu ltaqa' ma l-imputat illi tah il-permess jezamina l-kotba tal-ispizerija u beda n-negozju bejniethom. Il-kwerelant xhed illi huma finalment kien ftehmu fuq prezz ta' mitt elf Lira Maltin (LM100,000) li kellhom jithallsu kif ser jinghad:
*LM10,000 jithallsu mal-kuntratt u*
*LM30,000 jithallsu kull sena fil-bidu ta' Novembru ghal tlett snin sussegwenti*

Illi huwa mar ghand l-avukat tieghu ghal parir, saru r-ricerki minn Nutar tieghu sabiex jigi accertat li ma kienx hemm dejn fuq din l-ispizerija u ffirma l-kuntratt fil-prezenza u bl-assistenza tal-avukat u tan-Nutar tieghu. A fol 87 il-kwerelant jammetti illi ghalkemm iffirma illi kien jaf il-kontenut tal-iskritturi tat-30 ta' Gunju 1995 u tas-27 ta' Awwissu 1996, huwa filfatt ma kienx konoxxenti tal-kontenut taghhom. **Zammit xhed illi l-imputat kien urih skrittura wahda biss, u cioe' dik li tasserixxi li l-imputat seta' jissulloka l-ispizerija lilu.** Din kienet skrittura fil-qasir. Il-kwerelant xhed illi huwa hallas ghaxar t'elef Lira Maltin (LM10,000) mal-kuntratt u tletin elf Lira Maltin (LM30,000) fl-iskadenza ta' Novembru. Zammit xhed li wara dan il-hlas, hu gie mharrek bhala xhud minn Inez Brincat, propjetarja tal-ispizerija u ftit wara kien ircieva ittra ufficjali minghand Mario Debono li nfurmah illi kien ser jirriprendi l-ispizerija sal-ahhar tas-sena. Il-kwerelant xhed illi huwa mar minnufih ghand l-avukat tieghu.

Il-kwerelant baqa' jsostni li huwa **qatt ma kien jaf** bil-kuntratt bejn Mario Debono u Mario Vella. Il-kwerelant xhed illi huwa waqqaf il-pagamenti fuq l-istess spizerija (ara xhieda a fol 92 u 94). L-imputat xhed illi l-uniku kundizzjoni li kien jaf biha kienet il-prezz ta' hames liri

kuljum kera, il-kirja ghal perjodu ta’ ghoxrin sena u dritt ta’ sullokazzjoni.

WPS 95 Jean Farrugia kkonfermat l-istqarrija tal-imputat a fol 102/3.

In-Nutar Vella Laurenti (a fol 106 et seq.), ikkonferma illi huwa ghamel l-iskrittura (a fol 26 )tal-process cioe’ dok. AFM 3 li biha s-socjetà *Malovren* kienet issullokat id-drittijiet taghha fuq l-ispizerija Economical Dispensary favur is-socjetà Float Glass Limited. Ma din l-iskrittura, kien hemm anness skrittura ohra tal-imputat Vella u l-mara tieghu, li is-socjeta’ *Malovren* ntitolat lil Mario Vella jissulloka l-istess spizerija**. In-Nutar Vella Laurenti xhed illi l-iskrittura tat-30 ta’ Gunju 1995 <u>qatt</u> ma giet ipprezentata lilu u l-uniku skrittura li giet lilu prezentata kienet DOK. AFM 4 (a fol 31).** In-Nutar xhed li kieku giet prezentata l-iskrittura tat-30 ta’ Gunju 1995, kien jannettiha mal-iskrittura li kien qed jirredigi **“kif inhu gust illi naghmel”** a fol 108. Ikkonferma li l-prezz kien ta’ mitt elf Lira Maltija (LM100,000). In-Nutar Vella Laurenti xhed li l-imputat kien xtaq li l-pagament isir permezz ta’ kambjali izda hu u l-avukat tal-kwerelant ma dehrilhomx li l-pagament kellu jsir b’dan il-mod. In-Nutar Vella Laurenti, xhed illi xi ftit zmien, l-imputat talbu biex jaghmel dikjarazzjoni lill-bank tieghu li huwa (l-imputat) kien kreditur fis-somma indikata fl-iskrittura, u filfatt in-Nutar Vella Laurenti hekk ghamel. **In-Nutar Vella Laurenti xhed illi kien l-Avukat tal-kwerelant illi l-ewwel infurmah bl-ingann tal-imputat.** In-Nutar Vella Laurent, (a fol 113) **cahad b’mod vociferu illi huwa u kien u qraw l-iskrittura tat-30 ta’ Gunju 1995 lill-partijiet, u l-avukat tal-kwerelant, qabel ma giet iffirmata sollukazzjoni fuq din l-ispizerija.** Muri DOK. AM 2 in-Nutar **cahad** li huwa qatt ra din l-iskrittura. In-Nutar Vella Laurenti xhed (a fol 115) illi **l-imputat qatt ma semmilu illi huwa kien issulloka l-ispizerija minghand il-kerrej Mario Debono.**

In kontro ezami, n-Nutar Vella Laurenti xhed illi huwa kien jaf biss bir-referenza tat-30 ta’ Gunju 1995 bejn l-imputat u Mario Debono. Ikkonferma li z-zewg partijiet iffirmaw illi

kienu jafu bil-kontenut tal-iskrittura tat-30 ta’ Gunju 1995. **In re ezami n-Nutar Vella Laurenti <u>cahad</u> li l-imputat kien qallu illi kien hemm akkordju bejnu u bejn Debono <u>li l-kirja originali setghet tigi xolta fiz-zmien sitt xhur ara xhieda</u>** (a fol 118).

Giet ezebita dok. GG 1 l-licenzja tal-ispizerija f’isem Mario Debono (ara fol 122 u 123) liema licenzja giet konfermata minn PC 207 George Galea (a fol 139).

Dr Angelo Farrugia, (a fol 124), xhed illi l-kwerelant, ghan-nom ta’ Float Glass Limited, kien iffirma skrittura tat-twellija ta’ spizerija (a fol 26) ma’ Mario Vella u Charles Vella ghan-nom tas-socjetà *Malovren*, liema skrittura giet redatta fl-ufficju tieghu minn Nutar Richard Vella Laurenti. Dak in-nhar stess, l-imputat kien pprezenta r-resoluzzjoni tal-kumpanija tieghu u skittura ohra li tindika li l-imputat personalment kien isulloka l-ispizerija indikata, lis-Socjeta *Malovren*. Fl-iskrittura tat-twellija, Dr Farrugia jaghti indikazzjoniji tal-klawsoli essenzjali ta’ dan il-ftehim u xhed illi minkejja li l-imputat eziga li l-pagamenti jsiru permezz ta’ kambjali, huwa ta’ parir lil Zammit biex ma jaccettax din il-forma ta’ pagament u l-imputat ikkuntenta. **Dr Farrugia xhed illi kienu saru ricerki fuq l-ispizerija sabiex jigi accertat li ma kienx hemm djun fuqha u li din saret min-Nutar.**

Ftit wara illi giet iffirmata din l-iskrittura, Dr Farrugia sar jaf minghand il-kwerelant, li kien gie ingunt bhala xhud f’kawza ta’ zgumbrament ta’ Mario Debono mill-ispizerija imsemmija, minn sidha Inez Brincat. **Dr Farrugia xhed** (a fol 127) **illi huwa sar jaf fuq il-klawsola ta’ xoljiment tas-sullokazzjoni b’ semplici avviz ta’ sitt xhur, <u>biss meta ha kopja tal-kuntratt mill-atti processwali tal-izgumbrament ta’ Mario Debono</u>.** Dr Farrugia xhed illi l-imputat, permezz ta’ skrittura DOK AFM 4, kien qarraq bin-Nutar u l-kwerelant li huwa seta’ jissulloka, ga la darba kien ssulloka lill-kumpanija *Malovren*.

Dr Farrugia xhed li kienet saret kwerela lill-Pulizija fuq dan il-qerq. In kontro ezami, giet indikata l-ewwel klawsola tal-iskrittura DOK AFM 3 (a fol 37), li fiha, l-kwerelant kien

accetta l-kondizzjonijiet pattwiti fl-iskritturi indikati. Dr Farrugia xhed, illi la hu u l-anqas in-Nutar ma raw l-iskrittura bejn Debono u l-imputat.

Spizjar Mario Debono (a fol 132) ikkonferma illi huwa kellu spizerja Economical Dispensary Hal Qormi, u li sid din l-ispizerija kienet Inez Brincat. Ikkonferma illi l-imputat Vella kien ha l-ispizerija bi twellija bil-kundizzjonijiet li jidhru fl-iskrittura ta' Gunju 1995. Debono xhed illi Inez Brincat **fl-1981** kienet bdiet proceduri ta' zgumbrament. Debono xhed illi meta dahal fi ftehim mal-imputat, kienu ftehmu fuq klawsola illi l-kirja tal-ispizerija tista' tigi xolta minn kull parti, b'semplici pre-avviz ta' sitt xhur. Debono xhed **illi hu ma nghatax somma flus mat-twellija tal-ispizerija mill-imputat.**

Debono xhed illi meta huwa rrealizza li l-imputat kien issulloka l-ispizerja lil terzi, huwa mmedjatament mar ghand l-Avukat tieghu sabiex jittermina is-sullokazzjoni mal-imputat. Debono xhed illi l-imputat Vella ma kellhux dritt jissulloka din l-ispizerija lil terzi. Ikkonferma wkoll li l-imputat qatt ma qallu illi filfatt huwa kien wella din l-ispizerija lil Zammit. **Huwa xhed** (a fol 138) **illi l-imputat kien cempillu u talbu jitrassferilu l-iskrittura minn Mario Vella fil-kapacità tieghu personali ghal Mario Vella ghan-nom ta' *Malovren* Company Limited. Mario Debono xhed illi huwa kien cahad it-talba tal-imputat**.

Dr Carmelo Mifsud Bonnici (a fol 143) ikkonferma illi huwa rrediga l-iskrittura DOK AFM 2 (a fol 25), bejn Mario Debono u l-imputat. Ikkonferma l-ahhar klawsola illi kien ezegwita bil-kaligrafija tieghu. Din il-klawsola kienet intiza sabiex iz-zewg **partijiet jinhallu mill-kuntratt b'semplici pre-avviz**. **Din il-klawsola kienet saret bil-kuntentizza taz-zewg partijiet** (ara xhieda a fol 148).

Inez Brincat (a fol 158), ikkonfermat illi hija kienet l-uzufruttwarja tal-ispizerija Economical Dispensary u kienet tircievi il-kera minghand Mario Debono. Mario Debono kien kera din l-ispizerija lil Vella, li minn naha tieghu krijha lil Zammit. Inez Brincat xhedet illi meta ndunat illi kienu qed isiru ammeljorazzjonijiet f'din l-ispizerija, hija kienet

harket lil Mario Debono biex jizgombra minn din l-ispizerija.

L-imputat Mario Vella (a fol 170 et seq.) xhed illi huwa kien ha it-twellija tal-ispizerija *Economical Pharmacy* mill-ispizjar Mario Debono f'Gunju ta' 1995, permezz tal-kuntratt (a fol 24 tal-process). Huwa kien naddaf din l-ispizerija u ghamel divesi ammeljorazzjonijiet stante illi kien gie nfurmat minn Spetturi tas-Sanità, illi kienu saru lmenti dwar grieden fil-kantina tal-istess spizerija. Illi di piu kien hemm periklu f'parti tas-saqaf tal-istess spizerija u saret applikazzjoni lil *Planning Authority*. Wara certu zmien l-imputat iddecieda li jnehhi l-ispizerija u beda jinnegozja mal-kwerelant :

***"kien qalli wkoll illi wara li konna ftehmna kif ser nithallsu u kollox, biex nikkontatja mal-Avukati tieghu, u kien talabni l-ewwel kuntratt li kelli jiena ma' Mario Debono biex nghaddih lil Dr Farrugia.***
***Jiena ltqajt il-Mosta ma' Dr Farrugia fl-ufficju tieghu. Jien personalment hadtlu l-kuntratt li qieghed hemmhekk l-ewwel wiehed"***
(ara xhieda a fol 171 u 172)

Sussegwentament, l-imputat jghid illi kien inghata data li fih kellu jsir il-kuntratt, li kien mar ghand Dr Farrugia, u l-kuntratt gie redatt minn Nutar Vella Laurenti. L-imputat jghid illi n-Nutar kien staqsa lil Dr Farrugia kienx ra l-kuntratti tat-30 ta' Gunju 1995 u tas-27 ta' Awwissu 1996 u Dr Farrugia kien accertah li kien rahom. L-imputat iddikjara: **"Dawn huma l-kuntratti li qeghdin hemmhekk u li jiena kont tajt li Dr Farrugia."**

L-imputat xhed illi huwa kien ircieva erbghin elf Lira Maltija (LM40,000) minghand l-kwerelant. L-imputat kompla jghid illi sussegwentament, Mario Debono kien baghat ittra lil kwerelant Zammit, li fiha kien infurmah, illi kienu nqalghu problemi, u li kellu jkellem lil Dr Farrugia. L-imputat xhed illi Dr Farrugia kien infurmah li Mario Debono ried jirriprendi l-ispizerija u l-imputat irrisponda li Debono ma kellux dritt ghal dan. **L-imputat xhed illi anke Dr Vella Laurenti kellu impressjoni li sema' l-perjodu ta' sitt**

**xhur quddiem din il-Qorti** (ara a fol 173). Dan baqa' jigi sostnut mill-imputat, anke wara l-fatt li l-Avukat difensur tal-kwerelant gibed l-attenzjoni tal-imputat li ir- referenza ta' sitt xhur minn Nutar Vella Laurenti kienet abbinata mat-terminu tal-hlas.

L-imputat xhed ghar-rigward tal-klawsola li taghti l-fakultà ta' xoljiment ta' sullokazzjoni bi pre avviz ta' sitt xhur. Spjega li din kien ghamilha sabiex jekk l-ispizerija ma titwaqqafx fuq saqajjha, huwa jkun fil-liberta' li jroddha lura lil Mario Debono. L-imputat baqa' jinsisti illi l-kwerelant iffirma ghall-klawsola li kien jaf bil-kontenut taz-zewg kuntratti indikati fl-istess skrittura u li dawn l-istess kuntratti kienu gew mghoddija minnu lil Dr Farrugia. L-imputat xhed illi l-kwerelant kien iddikjara fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, illi n-Nutar kien wettaq ir-ricerki necessarji u asserixxa:

**"Jekk saru r-ricerki u sar kollox min-Nutar tieghu jridu jiccekjaw kollox li hemm sew."** (ara a fol 175).

Ghat-tielet darba, l-imputat iddikjara li kien ghadda z-zewg skritturi lill-Avukat tal-kwerelant. Gew ezebiti: DOK R 1 ittra minn Dr Zammit Maempel; dok R 2 ittra tal-Perit Charles Buhagiar tat-12 ta' Lulju 1995; DOK R 3 ittra tal-Perit Charles Buhagiar tat-3 ta' Awwissu 1995; DOK. R 4 u R 6 ittri tal-Perit Zammit tal-14 ta' Lulju 1995 u tad-19 tal-Lulju 1995; DOK. R 7 Ittra mill-Health Office; DOK R 8 kopja tal-iskrittura tal-14 ta' Gunju 1997; DOK R9 Resoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi tas-Socjetà *Malovren* tas-26 ta' Awwissu 1997; DOK R10 skrittura tas-26 ta' Awwissu 1996.

In kontro ezami, l-imputat ikkonferma li l-ispizerija kienet tappartjeni lil Inez Brincat; li Brincat krietha lil Mario Debono li sussegwentement krijha lilu; li din l-ispizerija "inqalbet" fuq il-kumpanija *Malovren* xi xhur qabel ma giet imwellija lil kwerelant.

Mitlub jghid kemm il darba huwa kien informa lill-Ispizjar Debono, li l-ispizerija **kienet inqalbet ghal fuq il-kumpanija *Malovren*, l-imputat iddikjara "le ma**

**hassejtx li ghandi ghalfejn"** (ara fol 177). L-imputat iddikjara illi huwa sempliciment xtaq joperha bhala kumpanija u mhux b'responsabilita' individwali. L-imputat xhed illi huwa ma kienx jaf illi Debono kellu kawzi kontra tieghu quddiem il-Bord tal-Kera fuq din l-ispizerija u sar jaf biss meta l-kwerelant u Dr Farrugia kienu nfurmah b'dana kollu  (ara xhieda a fol 178).

**L-imputat baqa' jishaq li l-ispizjar Mario Debono qatt ma nfurmah bil-kawza ta' zgumbrament.** A fol 180 l-imputat iddikjara illi ghar-rigward tal-klawsola tat-terminazzjoni fi zmien sitt xhur, huwa ried illi din il-klawsola tapplika biss ghalih, izda Dr Mifsud Bonnici kien zied din il-klawsola bil-biro u ghamilha applikabbli ghaz-zewg partijiet, haga illi huwa ma qabilx maghha u kien ghalhekk li ma ffirmax hdejha.

Ix-xhieda ta' Dr. Carmelo Mifsud Bonnici giet moqrija lill-imputat li baqa' jzomm ferm mat-tezi tieghu. Anzi ddikjara car u tond, illi Dr Mifsud Bonnici ma kienx xhed il-verità (ara fol 183). L-imputat gie rinfaccat bix-xhieda tal-ispizjar Mario Debono a fol 136, u baqa' jishaq illi ma kienx jaf bil-kawza li fethet Inez Brincat kontra Mario Debono, (ara xhieda 186 u 187). L-imputat ikkonferma li l-ispizjar Debono fetah kawza ta' zgumbrament kontra tieghu minhabba li huwa ceda id-drittijiet tieghu lil kwerelant.

Mistoqsi dwar ir-raguni il ghaliex l-imputat issulloka lis-Socjeta *Malovren*, l-imputat (a fol 188) rrisponda:
**"m'hemm l-ebda raguni, jiena xtaqt noperaha bhala kumpanija"** .

A fol 189, l-imputat ddikjara li mar wahdu biex juri l-iskrittura lil Dr Farrugia izda fuq l-kuntratt finali, hu (l-imputat) kien gie akkompanjat min huh.

Mario Vella (a fol 190), **waqt li afferma iskrittura privata ma tohrogx f'ricerki,** baqa' jsostni li Dr. Farrugia gie moghti din l-iskrittura,**u li kien Dr. Farrugia li kien zbaljat** (vide a fol 190).

**L-imputat xhed li ir-*resolution* tas-Socjeta ma kienx hadha mieghu, pero kienet regghet giet redattata minn Dr Vella Laurenti u Dr Farrugia** ( vide a fol 193-196)

**Mario Vella xhed illi huwa kien insista li jithallas permezz ta'kambjali sabiex ikollu ' garanzija' li flusu jingabru**.

L-imputat Vella (a fol 202) ikkonferma li ma rodd lura xejn minn erbghin elf Lira Maltija (LM40,000) li il-kwerelant tah, **u anzi fetah proceduri kontra il-kwerelant ghal-bilanc rimanenti**.(vide a fol 203)

Fit-tieni xhieda tieghu, muri id-dokumenti (a fol 232, 233**) l-imputat xhed li kien zbaljat fix-xhieda precedenti tieghu u li effettivament huwa kien ipproducja id-dokument innifsu ghall-kuntratt finali**. L-imputat (a fol 235) **ma setghax jiftakar jekk ir-*resolution DOK* MV 2 tal-Kumpanija kinitx giet pprezentat lil MFSC**.

Mitlub jghid jekk s-somma ta' erbghin elf Lira Maltija (LM 40,000) kinitx giet inserita f'*audit accounts* tas-Socjeta *Malovren*, l-imputat jghid li l-*accounts* kienu ghadhom qed jigu redatti ( a fol 235).

Joseph Zammit, in kontro ezami, (a fol 235) xhed illi l-ispizerija koncernata ma gietx retornata lil sidha u giet mikrijha lill *Monacra Limited*, gurnata b'gurnata, ghal seba' t'elef Lira Maltija (LM 7,000) fis-sena. Joseph Zammit xhed li l-ispizerija kellha xi *stocks,* meta ghamel l-kuntratt. Joseph Zammit xhed illi huwa kien gie zgumrat mill-ispizerija meritu tal-kaz mill-Marixxali tal-Qorti (ara a fol 251/252.)

Francis Vassallo (a fol 256) Direttur tas-Socjeta *Monacra Limited*, kkonferma li hu kien kera l-ispizerija msemmija mill-kwerelant bi pre-avviz ghal xoljiment qasir hafna. Il-kera stabbilita kienet ta' sebat elef Lira Maltija (LM 7,000) per annum. Vassallo, ma setghax jiftakar kienx xtara l-*stock* tal-ispizerija. **Vassallo xhed li l-kwerelant kien urih bil-problemi illi kien hemm fuq l-ispizerija u li seta**

**jigi zgumbrat, f'qasir zmien, kif fil-fatt gara fis-sena 2004.**

Paul Scicluna (a fol 260) mill-VAT Department xhed illi ma setghax jixhed minghajr il-kunsens tal-Prim Minstru ai termini ta l-Artikolu 65 (2) ta' l-Att 23 tas-sena 1998.

Paul Camilleri (a fol 261) ma setghax jiftakar jekk kienx ghadda *cheque* ghas-somma ta tletin elf Lira Maltija, (LM30,000) lil Mario Vella ghan-nom tal-kwerelant Zammit, li pero dan seta gara, in segwitu ta'negozju li kien ghamel ma Zammit.

Dr. Edward Gatt, (a fol 266) kkonferma li il-kwerelant kien gie zgumbrat mill- *Economic Dispensary*, Hal Qormi fis-sena 2004 ( citazzjoni numru 1052/99).

Paul Scicluna ( a fol 268) rega tenna li ma setghax jixhed f'mankanza tal-kunsens tal- Prim Ministru, pero qal li normalment fil-*VAT returns* ikun hemm biss id-dhul u l-hrug u mhux dikjarazzjonijiet fuq valur ta' *stocks*.

Joseph Zammit mill-*Inland Revenue Department* (a fol 275) ,xhed illi ma gie mitlub jaghmel ebda ricerka u ghalhekk ma kelli ebda informazzjoni x'jaghti.

Il-Kwerelant Joseph Zammit ezebixxa DOK JZX 1 sa 3 l-*audited accounts* tas-Socjeta *Float Glass Ltd*.

Joseph Zammit (a fol 345) ezebixxa l-*VAT returns* dokumenti JZZ1 sa JZZ21 mis-sena 1997 sa 1998.

L-imputat Vella (a fol 269 et seq) ta il-kunsens tieghu sabiex ir-raprezentanti tal-*VAT* jiddeponu f'dan il-kaz. **Huwa spjega illi fid-data tat-twellija tal-ispizerija lil-kwerelant, l-ispizerija kellha madwar erbgha u tletin elf Lira Maltija (LM 34,000) fi *stocks*. Ftit aktar tard qal li kellha tmenin elf Lira Maltija (LM 80,000) fi *stocks*.**

Paul Scicluna (a fol 373) tal-*VAT Department* ezebixxa DOK PS1 sa 24, kkonferma illi: **" L-uniku *audit* li sar skond id-dokumenti ezebiti huwa bejn 1995 u 1997"** u

cioe waqt li l-ispizerija kienet f'idejn l-imputat Vella (ara a fol 376)

Paul Scicluna xhed illi il-*file* koncernat ma setghax jinstab (a fol 401).

A fol 404 Paul Scicluna kkonferma li mar hu personalment biex ifittex il-*file* koncernat pero dan ma giex rintraccat.

Permezz ta' nota, giet ezebita x-xhieda tal-kwerelant fil-kawza Civili Citat  Numru 2543/98 quddiem Mhallef Dr. Gino Camilleri ( vide fol 419 sa 422).

Karen Sciberras xhedet illi kienet il-*Managing Pharmacist* fl-ispezirija ta' Mario Vella (ara fol 425 et seq).

Sciberras xhed illi hija kienet ghamlet erba' snin (4) ohra f'din il-kariga  maz-ziju taghha, il-kwerelant Joseph Zammit.

Hija xhedet illi meta  Zammit hadha f'idejh, l-ispizerija kienet attrezzata sew bl-*stock,* pero fi zmien sussegwenti, biex inqalghu problemi fuq l-ispizerija, u  Zammit ma kienx baqax izommha bl-istess mod. **Hija qalet li kien hemm xi tmenin elf Lira Maltija  (LM 80,000) fi *stock*.**

In kontro ezami Karen Sciberras kkonfermat li hija u zijuha Joseph Zammit m ghadhomx jitkellmu, u  li hija **kellha relazzjoni mal-imputat u tghix mieghu** ( a fol 427)

Karen Sciberras xhedet illi hija ma hadet sehem f' ebda ezercizzju ta'*stock taking,* u waslet ghas-somma ta'tmenin elf Lira Maltija(LM 80,000) ghaliex hi kienet taghmel ix-xiri tal-*istock*s tal-istess spizerija.

Silvana Zammit xhedet illi kienet taghti daqqa t'id fl-ispizerija; ma kinitx *book keeper*, u ma kinitx tiehu hsieb tat-taxxa jew tal-*VAT* tal-istess spizerija.  Hija affermat illi xoghol taghha kien fil- *Front Office*  ta' *Float Glass Ltd*.

Paul Scicluna ( a fol 433) ezebixxa DOK PSY, denunzja tal-*VAT*.

Paul Scicluna (a fol 443) ezebizza DOK XPS fejn jidher illi is-somma indikata bhala il-valur tal-stock tal-ispizerija *Economical Dispensary* Qormi kienet ta tmintax il-elf, sitt mija u sebgha u sittin Lira Maltija (LM18,667) , li minnha is-somma ta ghaxar t'elef , seba' mija u erbatax il-Lira Maltija u seba' u ghoxrin centezmu( LM 10, 714.27) ( vide a fol 444) kienet ezenti mil-*VAT* .

Joseph Gauci ,(a fol 451) ezebixxa DOK IT1 sa IT10 *Income Tax Returns,* tal-imputat Mario Vella.

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' truffa aggravat u ta' frodi innominat, ghal liema akkuza huwa jasserixxi illi huwa nnotifika lill professjonisti f'dan il-kaz, biz-zewg skritturi precedenti, li dawn il-professjonisti kienu tenuti skond il-Ligi li jaghmlu ir-ricerki legali u ad ogni modo, l-ammont ta' *stock* kontenut fl-ispizerija fil-mument tal-ftehim kien aktar mill-ammont ta' flus illi thallas mill-kwerelant.

Il-Qorti ghaldaqstant ghamlet ezercizzju dettaljat tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u wara li rat l-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, tqis illi ix-xhieda tal-imputat mhijiex kredibbli, la hi vero simili u wisq anqas ghandha mis-sewwa. Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet hawn taht spjegati.

L-imputat permezz ta' ir-rezoluzzjoni tas-26 t'Awissu 1996, bhala direttur tas-Socjeta *Malovren* awtorizza lil huh Ruben Charles Vella, biex jidher ghan-nom ta' *Malovren Co Ltd,* fuq l-iskrittura tas-sullokazzjoni tal-istess farmacija.

Illi di piu permezz tal-iskrittura tas-26 t'Awissu 1996, l-imputat Mario Vella issulloka l-istess spizerija lill-Ruben Charles Vella, **minghajr ma semma li tali kirja setghet tigi terminata fi zmien sitt xhur u minghajr ebda indikazzjoni tal-kawzi ta zgumbrament pendenti.**

Din il-Qorti taghmel accen ghal-kwistjoni tal-konsenja tal-iskrittura DOK AFM2 lil Dr. Anglu Farrugia u c-cahda vocivera tal-istess Dr. Anglu Farrugia, liema cahda giet imtennija ukoll minn Nutar Dr. Vella Laurenti.

Illi din il-Qorti in oltre ma tista taghti ebda affidibilita lix-xhieda tal-imputat ghal dak li jirrigwarda il-manjiera kif giet redatta l-ewwel skrittura DOK AF 2 minn Dr Carmelo Mifsud Bonnici. Meta wiehed jifli bir-reqqa ix-xhieda tal-professjonisti f'dan il-kaz, wiehed jaghraf illi xhedu b'mod preciz u b'ghaqal kbir, u din il-Qorti issibha difficli hafna illi temmen illi Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, Ministru tal-Gustizzja sejjer jinkludi klawsola mhux mifthema fi skrittura privata. Pero dan huwa l-import tax-xhieda tal-imputat.

Illi bl-istess manjiera l-imputat fix-xhieda tieghu ipprova jimplika li Dr. Farrugia u Nutar Laurenti irredigew **zewg skritturi privati foloz**, sempliciment sabiex tigi finalizzata l-iskrittura tas-sullokazzjoni tal-farmacija bejn il-kwerelant u l-imputat.

Illi l-imputat almenu kien gharef bizzejjed biex fis-seduta li segwit iddikjara illi kien zbaljat meta ghamel dik id-dikjarazzjoni.

Bl-istess manjiera din il-Qorti bl-ebda mod ma tista takkolji jew taghti affidibilita lix-xhieda tal-imputat, li f'nifs wiehed jasserixxi illi l-ispizerija indikata kellha l'fuq minn erbgha u tletin elf Lira Maltija (LM34,000) fi *stock* meta sari l-ftehim mal-kwerelant u ftit sekondi wara isostni illi kellha ma tmenin elf Lira Maltija (LM80,000) fi *stock*, fid-data tal-ftehim.

In oltre, il-Qorti hadet nota tat-testimonjanza tal-imputat meta jghid li Vella Laurenti kellu impressjoni illi isemma il-perjodu ta'sitt xhur. Dan huwa manifestament kontradett mix-xhieda li in-Nutar Vella Laurenti ta quddiem din il-Qorti.

Lanqas ma jista' jinghata twemmin l-asserzzjoni tal-imputat li ma jiftakarx jekk ir-rezoluzzjoni tas-Socjeta *Malovren* gietx effettivament registrata fl- MSFC. Illi analizi ta' *Memorandum and Articles of Association* tas-Socjeta msemmija, (DOK B1 minn fol 33 sa 45), juri illi dan ma sarx. Huwa evidenti li tali registrazzjoni ma saritx sabiex ma jkunx hemm tracci konkreti ta xi haga allarmenti li setghet tirrizulta fir-ricerki legali .

Il-Qorti wkoll hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat ipprova jinsisti fil-mument tal ftehim ghal hlas permezz tal-kambjali.

Illi din il-Qorti tkun qedgha tonqos jekk kemm il-darba ma taghmilx accenn ghal xhieda ta' Karen Sciberras u l-manjiera li biha asserit, b'mod gradwiatu li l-istock tal-farmacija kien jammonta ghal tmenin elf Lira Maltija (LM80,000), fi zmien tat-twellija lill-kwerelant, minkejja li taccetta li qatt ma wettqet ezercizzju ta' *stock taking*. **Il-Qorti gharfet illi Karen Sciberras ammettiet illi hija kienet tghix mal-imputat, meta giet mistoqsija dan fil-kontro ezami**.

Il-Qorti qiset ukoll il-fatt li l-imputat ma kienx assistit mill-Avukat tieghu fil-mument tal-kuntratt.

Illi l-imputat b'manjiera pjuttost sofistifikata rnexxielu illi verament jikrea zewg skritturi u cioe dawk a fol 30 u 31 **sabiex b'hekk jinduci lil l-Avukati u Nutara tal-kwerelant fit-twemmin li dawn l-iskritturi kienu dawk imsemmija f'DOK AF3 u bil-konsegwenti twemmin li ma kienux jezistu kondizzjonijiet detrimentali jew ta' pregudizzju ghal-kwerelant.**

Fir-realta l-iskrittura DOK AF2 johrog car illi il-lokazzjoni kienet biss bi prezz fiss per diem li jawmenta wara kull hames snin, izda minghajr ma gie stabbilit prezz ghal *stock* jew ghal-*goodwill* u fejn gie stipulat fil-klawsola numru 11, l-partijiet li jaqblu li ftehim seta' jigi terminat bi pre avviz ta' sitt xhur.

**Huwa assurd li Avukat jew Nutar ser jghaddilu minn mohhu jaghti parir lil-klijent tieghu jidhol fi ftehim ghal-kiri ta' farmacija bi prezz ta' mitt elf Lira Maltin (LM100,000) meta il-kirja setghet tigi terminata hesrem.**

Illi mill-assjen tal-provi fuq indikati, johrog mod evidenti illi l-imputat kien dahal fi ftehim ta' sullokazzjoni tal-farmacija *Economical Dispensary* minghand l-Ispizjar Debono taht varji kondizzjonijiet illi jidhru fil-kuntratt DOK AFM2 (a fol 22, 25). Johrog evidenti illi l-istess Mario Vella hass ruhu ingannat li ma kienx jaf l-entita' tad- drittijiet li seta' kellu l-ispizjar precedenti, u ma kienx jaf bil-kawzi illi l-propjetarja Inez Brincat intavolat kontra dan tal-ahhar ghall-izgumbrament tal-ispizerija indikata.

Illi minn hawn il-quddiem jidher car illi l-imputat ra kif ghamel biex jipprova jehles min din l-ispizerija u jghaddiha lil terzi. Il-provi juru illi l-imputat, **ghad illi kien jaf li ma setax jissulloka lil terzi**, itrasferixxi l-istess ispizerija lill-kumpanija tieghu u ta' huh, (is-Socjeta *Malovren*) u dan permezz tar-rezoluzzjoni tas-26 t'Awwissu 1996 DOK A ( a fol 30) u l-iskrittura tas-27 t'Awissu 1996 (a fol 31) sabiex b'hekk is-Socjeta *Malovren* tkun f'qadgha li tidhol fi ftehim mal-kwerelant , DOK AFM 3 (a fol 26 et seq), **u b'din il-manjiera ma jidhrux fuq il-kuntratt ta' sullokazzjoni, il-klawsoli horox li setaw innaffru lill bejjiegh gdid.**

L-imputat jinstab akkuzat bi truffa jew Mis en scene liema reat huwa dak mahsub fl–Artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta li jipprovdi:

**"Whosoever, by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device or pretence calculated to lead to the belief in the existence of any fictitious enterprise or of any imaginary power, influence or credit, or to create the expectation or apprehension of any chimerical event, shall make any gain to the prejudice of another**

**person, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from seven months to two years."**

Il-Qrati Maltin taw diversi pronunzjamenti fuq r-reat ta' Truffa u l-elementi u rekwisti tal-istess.

Infatti fis-sentenza **Pulizija vs George Manicolo** App. Krim, deciz fil-31 ta' Lulju 1998, dik il-Qorti irriteniet:
**"Sabiex jissussisti r-reat ta'truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anka att teatrali. Irid ikun att, jew atti li jimpressjonaw bniedem ta'inteligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentiment kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilhu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji, kwasi teatrali, u mhux sempliciment weghdiet, promessi u kliem, semplici."**

Di piu fis-sentenza il-**Pulizija vs Anthony Francis Willoughby Appell Krim. , deciza fit-12 ta' Frar 1999** dik il-Qorti irriteniet:

"Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali, kolleggjalment komposta, fis-sentenza tad-29 ta'Novembru, 1922 fl-ismijiet **Sua Maesta' il Re v. Antonio Demicoli ed.,** mhux kull forma ta' lokupletazzjoni ossia arikkiment maghmul a dannu ta'haddiehor tammonta ghal frodi fis-sens tal-ligi penali. Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (**Il-Pulizija v.. Emmanuele Ellul**, App. Krim., 20/6/97;ara wkoll **Il-Pulizija v. Daniel Frendo**, App. Krim.,

25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, propju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**, App Krim., 12/12/59, Vol.XLIII.IV.1140) Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta'frodi innominata ( jew lukru frawdolent innominat) ( ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.IV.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App Krim 25/7/53, Vol.XXXVII.IV.1127; ara wkoll Il-**Pulizija v. Guiseppe Schrainer** , App. Krim., 3/3/56). Naturalment, il-hrug ta'cheque fuq kont bla flus jista' jkun propju l-mezz ta'ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf pattrimonjali bil-konsegwenti gwadan ghall-agent (**Il-Pulizija v. Francis sive Franco Farrugia**, App. Krim., 7/2/85, Vol."

Illi din it-tezi dwar il-livell ta' sofistikazzjoni tar- raggiri rikjest, giet zvilluppata fis-sentenza **Pulizija vs Emmanuele Ellul Appell Krim.** Deciza 20 ta' Gunju 1997 Onor Mhallef Dr. Vincent DeGaetano **,** :

**"Fil-ligi taghna, element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta'truffa hija l-mise en scene, cjoe' dawk l-"artifizi" jew "raggiri" idonei li jinducu, u li effettivament ikunu inducew, lill-vittma fi zball – l-ingann- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent. ( a fol 211)…**

**Il-Ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cjoe li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet; in fatti l-Ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, inganna jew simulazzjoni taghti x'tifhem li ghandha flus meta m'ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi**

**fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkotemplati fil-Ligi taghna.( Ibid a fol 211)…**

**"Pero kif jinghad Element essenzjali iehor tar-reat tat-truffa huwa t-telf patrimonjali li ggarrab il-vittma bil-konsegwenti qligh ghall-agent, liema telf u qligh ikunu r-rizultat ta'xi haga li taghmel jew tonqos milli taghmel il-vittma <u>ghax ikun giet ingannata</u>. In fatti t-truffa komunement tigi mqabbla mas-serq u ma' l-appropjazzjoni indebita bid-differenza bejn it-tliet reati konsistenti fil-mod ta' kif isir it-telf u l-korrispondenti qliegh." (Ibid a fol 212)**

Ikkonsidrat :

Illi fil-kaz in ezami jidher bic-car illi ir-raggiri u l-artificji prattikati mil-imputat jikkonsistu fi kreazzjoni ta zewg skritturi (a fol 30 u 31). Permezz ta' dawn iz-zewg skritturi l-imputat rnexxielu jikrea it-twemmin li dawn l-iskritturi <u>kienu l-istess skritturi</u> li ghalihom saret referenza f'DOK AFM 3. Din kienet parti mis-simulazzjoni prattikata mill-imputat sabiex jinduci fil-kwerelanti u l-Avukat u Nutar tieghu, l-fidi jew it-twemmin li fil fatt ma kinux jezistu kondizzjonijiet avversi jew detrimentali ghal kwerelant, li bhala konsigwenza iffirma il-ftehim u ikkonsenja lil-imputat l-ammont ta' erbghin elf Lira Maltija (LM40,000).

Irid jigi precizat illi ricerka legali ma tista' **qatt** tkopri skritturi privati, il ghaliex dawn ma jigux solitament insinwati u ghalhekk ir-ricerka legali tibqa monka f'dan ir-rigward. Huwa f'cirkustanzi bhal dawn, illi l-element ta' fiducja bejn il-bejjiegh u xerrej huwa essenzjali u *misrepresentation* gravi da parti tal- bejjiegh ghandha tircievi is-sanzjoni debita tal-Ligi.

Illi ghaldaqstant huwa tenur tal-Artikolu 308, il-Qorti taghraf illi l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova li l'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-element ta' qerq u cioe:

**"dawk l-"artifizi" jew "raggiri" idonei li jinducu, u li effettivament ikunu inducew, lill-vittma fi zball – l-ingann-"**
**(Ibid - Pulizija vs Emmanuele Ellul Appell Krim.** Deciza 20 ta' Gunju 1997 Onor Mhallef Dr. Vincent DeGaetano)

Il-Qorti sejra taghaddi biex tezamina l-element rekwizit tal-profitt tal-imputat, u l-konsegwenti telf patrimonjali tal-kwerelant.

Ikkonsidrat:

L-imputat ipprova jipperswadi lill Qorti, permezz ta' dokumentazzjoni prodotti mill-Dipartiment tal-*VAT* u mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, illi l-prezz mhallas mill-kwerelant lill-imputat (LM 40,000) kien ikopru l-*stock* ta' medicinali illi kellu fl-ispizerija msemmija. Ghaldaqstant l-element tal-profitt ghal-imputat bil-konsegwenti telf patrimonjali ghal kwerelant ma jissustix skond il-provi.

Ikkonsidrat:

Il-Qorti tibda tippreciza illi fl-istrittura DOK AFM 3 ma hemm ebda apporzjonament fil-prezz globali ta' mitt elf Lira Maltija , (LM100,000) ghal dak li huwa *stock* jew *goodwill*.

Illi pero din il-Qorti xorta wahda u ghal buon fini, fliet bir-reqqa id-dokumentazzjoni kollha prodotta mill-partijiet kif ukoll b'mod specjali dawk prodotti minn Paul Scicluna. Wara dan l-ezercizzju il-Qorti qiset illi l-valur tal-*stock* tal-imsemmija farmacija kienet ta tmintax il-elf, sitt mija u sebgha u sittin Lira Maltija (LM18,667) , li minnha is-somma ta ghaxar t'elef , seba' mija u erbatax il-Lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (LM 10, 714.27) ( vide a fol 444) kienet ezenti mil-VAT . (ara DOK XPS , a fol 450).

Illi di piu jidher illi l-kwerelant kien qieghed jircievi sebat elf Lira Maltija (LM 7,000) ghal perjodu illi huwa wella din il-farmacija.

Illi eppure huwa evidenti illi l-imputat hallas f'akkonti erbghin elf Lira Malitija (LM40,000) mill- prezz globali ta' mitt elf Lira Maltija (LM 100,000) pretiz mill-imputat, **ghal liema bilanc l-imputat xhed li kien diga intavola kawza civili kontra l-kwerelant.**

Ghaldaqstant hemm provi zgaccanti illi l-imputat ghamel profitt bil-konsegwenti telf patrimonjali tal-imputat.

Illi din il-Qorti ma tistax ma taghmilx accenn ghal responsabbilita residwa li l-professjonisti ghandhom versus il-kwerelant, izda dan bl-ebda mod ma jkopri b'immunita, jew b'xi mod jiskolpa, l-agir qarrieqi tal-imputat.

Illi ghaldaqstant l-elementi rekwisiti tar-reat tat-truffa gew sodisfacentament approvati mill-prosekuzzjoni, naturalment bl-aggravju tal-valur imsemmi fl-Artikolu 310 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

In vista tas-sejbien ta' htija ghal rigward tar-reat ta' truffa din il-Qorti ma tistax issib htija ukoll fir-reat sussidjarju u anqas gravi ta' frodi nnominat.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti issib lil-imputat hati tal-ewwel akkuza bl-aggravju tal-ammont u wara li rat Artikoli 308, 310 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 22 tal –Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lil-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Din il-piena qedgha tigi akkordata in vista tal-fatt li l-imputat huwa *a first offender* u x'aktarx ghamel dak li ghamel il ghaliex emmen li kien gie precedentement ingannat fuq l-istess spizerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------